MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1552/2004

**Vincent Brincat**
**Vs**
**Joseph Magro Conte**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fl-10 ta' Awissu, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut iħallas is-somma ta' Lm 251.95 (mitejn u wieħed u ħamsin lira Maltija u ħamsa u disgħin ċenteżmu rappreżentanti danni kawżati konsegwenza ta' inċident stradali nhar il-5 ta' Settembru, 2003 f'Birkirkara.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

Il-konvenut huwa debitar ta' l-attur fis-somma ta' mitejn u wieħed u ħamsin lira Maltija u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm 251.95) in kwantu għal disgħa u ħamsin lira u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm 59.61) prezz ta' spare parts, u mija u tmienja u sittin lira u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm 168.74) prezz ta' panel beating, spray painting u rust

proofing dan li sofra fil-vettura tiegħu meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru FBE 543 li ħabtet mal-vettura ta' l-attur bin-numru JAV 454 fil-5 ta' Settembru, 2003 f'Birkirkara, Triq l-Akwadott u tlieta u għoxrin lira u sittin ċenteżmu (Lm 23.60) prezz ta' car hire.

Għal dan l-inċident huwa responsabbli unikament il-konvenut.
Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri bonarji tas-7 ta' April, 2004 u ta' l-4 ta' Ġunju, 2004 u dawk ta' l-ittra uffiċjali ndirizzata lill-asssikurazzjoni tal-konvenut u ppreżentata kontestwalment ma' dan l-avviż kontra l-konvenut u bl-imgħax kontra l-istess konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn ingħad illi:-

It-talbiet attriċi huma nfondati fiil-fatt u fid-dritt, u għandhom ikunu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur, stante li l-inċident stradali in kwistjoni ma seħħx b'tort tal-konvenut imma b'tort tas-sewwieq l-ieħor, ossija l-attur Vincent Brincat, minħabba trascurra, imperizja, u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, u dana kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur irid jagħmel il-prova tad-danni rejalment subiti minnu.

Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-materja in eżami si tratta ta' kolliżjoni meta vettura li kienet ipparkjata qalgħet mill-parking biex toħroġ fit-triq waqt li għaddeja kien hemm vettura oħra kienet miexja fit-triq.

Jiġi għalhekk allegat illi l-vettura l-oħra kellha tmur fuq il-karreġġjata l-oħra biex tissorpassa lil dik ipparkjata u li kienet double lane car parked.

Mhux kontestat da parti ta' l-attur li għamel il-manuvra, pero` wieħed ma jistennix għax ikun hemm double lane car parked, vettura m'għandiex tissporpassaha biex tibqa' għaddejha fit-triq. U anzi oneru ikbar fuq min ikun ipparkjat li sabiex joħroġ mill-parking irid jiehu dawk il-prekawzjonijiet aktar inġenti minn utilista ġja fit-triq sabiex meta jidħol fit-triq ma jostakolax la l-free flow of traffic u wisq anqas jikkostitwixxi ruħu għalih innifsu u għal terzi utenti ta' xi periklu għalih jew għal oħrajn. Ħa kemm ħa prekawzjonijiet kif allega l-istess konvenut, il-kolliżjoni xorta waħda ssuċċediet.

In oltre jiġi nnotat ukoll illi l-mod kif kien ipparkjat il-konvenut, kien ipparkjat kontra d-direzzjoni tal-karreġġjata li kien fih u allura kellu aktar oneru fuqu biex iħares lura ħa jara vetturi kienux ġejjin minn warajh sabiex joħroġ. Kieku kien ipparkjat kif suppost kien żgur jara l-vettura l-oħra ġejja, fid-direzzjoni tiegħu kontra tiegħu mill-attur.

Illi l-quantum tad-danni ma ġiex kontestat u qed jiġi akkordat.

Jiddeċiedi billi fil-waqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' mitejn u wieħed u ħamsin lira u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm 251.95), bl-ispejjeż u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------